

Brussell, 28 ta' Novembru 2016
(OR. en)

14825/16

ACP 172
FIN 822
PTOM 40

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	ACP-UE 2113/16 + ADD 1 ĊŻI – Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi – Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tagħti kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (ĊŻI) b'rabta mal-implimentazzjoni tal-baġits taċ-Ċentru għas-snin finanzjarji 2011 u 2012

1. Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għaċ-ĊŻI, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji għas-snin finanzjarji 2011 u 2012 tfasslu fuq il-bażi ta' awditi statutorji.
2. L-implimentazzjoni ġenerali tal-baġit taċ-Ċentru mid-Direttur matul is-snin finanzjarji 2011 u 2012 kienet tali li, fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji u r-rapporti tal-awditi statutorji taċ-ĊŻI għall-2011 u l-2012, huwa għandu jingħata kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dawk il-baġits.
3. Fid-dawl ta' dan, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP qabel dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż fl-24 ta' Novembru 2016.

4. Il-Grupp ta' Ħidma qabel li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu:
- japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni kif jinsab fl-Anness,
 - jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni lill-AKP għall-adozzjoni mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-KE bi skambju ta' ittri.
-

**ABBOZZ TA'
DEĊIŻJONI NrU /2016
TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE
tal-2016**

**li tagħti kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (ĊŻI)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġits taċ-Ċentru għas-snin finanzjarji
2011 u 2012**

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-KE,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 27(5), it-tieni subparagrafu tar-Regolament Finanzjarju taċ-ĊŻI,¹

Billi:

- (1) Id-dħul taċ-Ċentru għas-snin finanzjarji 2011 u 2012 ikkonsista minn kontribuzzjonijiet mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp li jammonta għal EUR 17 850 484,11 għall-2011 u EUR 15 856 427,31 għall-2012;
- (2) L-implimentazzjoni ġenerali tal-baġit taċ-Ċentru mid-Direttur matul is-snin finanzjarji 2011 u 2012 kienet tali li, fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji u r-rapporti tal-awditi statutorji taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi għall-2011 u l-2012, huwa għandu jingħata kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dawk il-baġits,

¹ ĠU L 70 tad-9.3.2006, p. 52.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fuq il-bażi tar-rapporti tal-awdituri għas-snin 2011 u 2012, il-karti tal-bilanċ u l-kontijiet ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji korrispondenti, b'dan jagħti kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġits taċ-Ċentru għas-snin finanzjarji 2011 u 2012.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE

Il-President
